



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0271(COD)

11718/23
ADD 1

TRANS 305
CODEC 1346

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	Annessi COM(2023) 443 final
Suġġett:	ANNESSI tal- Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea, li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument Annessi COM(2023) 443 final.

Mehmuż: Annessi COM(2023) 443 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.7.2023
COM(2023) 443 final

ANNEXES 1 to 10

ANNESI

tal-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja fiż-żona ferrovjarja unika Ewropea,
li jemenda d-Direttiva 2012/34/UE u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 913/2010**

{SEC(2023) 443 final} - {SWD(2023) 443 final} - {SWD(2023) 444 final}

ANNESS I

Riżultati tanġibbli u l-iskeda għall-ġestjoni tal-kapaċità imsemmija fl-Artikoli 11, 16, 18 u 38

1. RIŻULTATI TANĠIBBLI LI JRIDU JĦEJJU L-MENIĠERS TAL-INFRASTRUTTURA FL-IPPIANAR STRATEĠIKU TAL-KAPAĊITÀ MSEMMI FL-ARTIKOLI 11, 16, 17 U 18

Riżultat tanġibbli	Kontenut
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	– Żvilupp ippjanat tal-infrastruttura fiżika, inkluż il-kostruzzjoni ġdida, it-titjib, it-tiġdid u l-ġhluq/id-dekummissjonar; – Żvilupp previst tad-domanda għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju; – Gwida strateġika dwar l-użu tal-kapaċità mill-Istati Membri, inkluż perspettiva dwar l-evoluzzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku; – Kapaċità allokata fi ftehimiet qafas u l-kapaċità meħtieġa biex jingħataw servizzi tat-trasport skont kuntratti tas-servizz pubbliku; – Infrastruttura ddikjarata użata ħafna jew konġestjonata; – Restrizzjonijiet kbar tal-kapaċità minħabba xogħlijiet infrastrutturali.
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	– L-informazzjoni kollha inkluża fl-istrateġija tal-kapaċità, meta rilevanti aġġornata u spjegata aktar – Volum tal-kapaċità disponibbli għall-applikanti skont is-segment tas-suq tat-trasport ferrovjarju u/jew skont il-proċess tal-allokkazzjoni – Volum tal-kapaċità meħtieġa għax-xogħlijiet infrastrutturali, diżaggregat skont l-impatt fuq it-traffiku (kategoriji) – Ambitu ġeografiku: tal-inqas il-linji inklużi fin-network ewlieni u ewlieni estiż tat-TEN-T – Dettall ġeografiku: diżaggregazzjoni fit-taqsimiet xierqa tal-ippjanar li jirriflettu l-karatteristiċi tal-infrastruttura u tad-domanda – Ambitu temporali: perjodu wieħed tal-iskeda operatorja – Dettall temporali: tal-inqas perspettiva annwali (restrizzjonijiet tal-kapaċità) u jum rappreżentattiv wieħed jew aktar (kapaċità disponibbli għat-talbiet)
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	– L-informazzjoni kollha inkluża fil-mudell tal-kapaċità, meta rilevanti aġġornata aktar fid-dettall – Kapaċità pplanata minn qabel disponibbli għat-talbiet,

	definita fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità
–	Restrizzjonijiet tal-kapaċità, definiti fil-forma ta' oġġetti tal-kapaċità
–	Kapaċità alternattiva disponibbli waqt restrizzjonijiet tal-kapaċità
–	Kapaċità alternattiva disponibbli fil-każ ta' interruzzjonijiet fin-network

2. SKEDA GĦALL-ĠESTJONI STRATEĠIKA TAL-KAPAĊITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 11, 16, 17 U 18

- Meta jkunu qed iħejju r-riżultati tanġibbli tal-ippjanar strateġiku tal-kapaċità għal perjodu partikolari tal-iskeda operatorja, il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jirrispettaw l-iskeda stabbilita f'din it-Taqsima.

Il-meniġers tal-infrastruttura jistgħu jiddefinixxu skadenzi qabel. Dawn l-iskadenzi għandhom jiġu armonizzati fil-livell tal-UE u jiġu inklużi fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6.

Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 54 u għandha tinvolvi tal-inqas l-impriżi ferrovjarji u applikanti oħra, il-partijiet ikkonċernati operazzjonali u l-awtoritajiet pubbliċi. Il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jikkoordinaw ir-riżultati tanġibbli b'mod kontinwu meta jkunu qed jikkoordinaw skont l-Artikolu 53.

Riżultat tanġibbli	Tappa	Skadenza (mhux aktar tard minn)
Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	Pubblikazzjoni tal-ewwel elementi tal-istrateġija tal-kapaċità	X-60
	L-ewwel konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	X-58
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-istrateġija u t-tieni konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	X-38
	Pubblikazzjoni tal-istrateġija finali tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-36
Mudell tal-kapaċità (Artikolu 17)	Bidu tat-tħejjija	X-36
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-24
	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-mudell tal-kapaċità	X-21
	Koordinazzjoni mal-applikanti u l-partijiet	X-19

	ikkonċernati operazzjonali	
	Pubblikazzjoni tal-mudell tal-kapaċità finali wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-18
Pjan tal-provvista tal-kapaċità (Artikolu 18)	Bidu tat-tħejjija	X-18
	Konsultazzjoni mal-applikanti u l-partijiet ikkonċernati operazzjonali	X-14
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemija fil-punt (1) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-12
	Pubblikazzjoni tal-pjan finali tal-provvista tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-11
	Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità msemija fil-punt (5) tat-Taqsima (3) ta' dan l-Anness	X-4
	Adattament mill-ġdid tal-kapaċità riżervata għall-allokazzjoni bl-iskeda operatorja għal proċessi oħra tal-allokazzjoni	X-2
	Aġġornament tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità biex ikun jirrifletti l-bidliet fil-kapaċità ppjanata minn qabel jew allokata	Sa X+12 mingħajr dewmien
Nota: (1) “X-m” tfisser “m” xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja (“X”), f’konformità mat-Taqsima 4.		

2. B’deroga mill-punt 1, l-iskeda simplifikata u mqassra li ġejja tapplika għar-riżultat tanġibbli “Strateġija tal-kapaċità” fir-rigward tal-perjodi tal-iskeda operatorja li jibdwu f’Diċembru 2029 u Diċembru 2030:

Strateġija tal-kapaċità (Artikolu 16)	Pubblikazzjoni tal-abbozz tal-istrateġija u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati	X-38
	Pubblikazzjoni tal-istrateġija finali tal-kapaċità wara koordinazzjoni finali bejn il-meniġers tal-infrastruttura	X-36

3. SKEDA GĦALL-KOORDINAZZJONI, IL-KONSULTAZZJONI U L-PUBBLIKAZZJONI TAR-RESTRIZZJONIJET TAL-KAPAĊITÀ LI JINĦOLQU MINĦABBA X-XOGĦLIJET INFRASTRUTTURALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 10 U 35

1. Rigward ir-restrizzjonijiet temporanji tal-kapaċità tal-linji ferrovjarji, minħabba xogħlijiet infrastrutturali, inkluż restrizzjonijiet assoċjati tal-veloċità, tal-piż fuq il-fus, tat-tul tal-ferrovija, tal-forza tat-trazzjoni, jew tal-gejġ tal-istruttura (“restrizzjonijiet tal-kapaċità”), li jgħid li aktar minn 7 ijiem konsekuttivi u li għalihom aktar minn 30% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b’mezzi tat-trasport oħrajn, il-meniġers tal-infrastruttura kkonċernati għandhom jippubblikaw ir-restrizzjonijiet kollha tal-kapaċità u r-risultati preliminari tal-konsultazzjoni mal-applikanti għall-ewwel darba tal-inqas 24 xahar u, f’forma aġġornata, għat-tieni darba tal-inqas 12-il xahar qabel il-bidla fl-iskeda operatorja kkonċernata. Dawn ir-restrizzjonijiet infrastrutturali għandhom jiġu inklużi fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 18.
2. Bħala parti mill-koordinazzjoni bejn il-meniġers tal-infrastruttura f’konformità mal-Artikolu 53, l-entitajiet deżinjati fil-paragrafu 5 ta’ dak l-Artikolu għandhom jiddiskutu wkoll b’mod konġunt dawk ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità, jekk l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità ma jkunx limitat għal network wieħed, mal-applikanti interessati u mal-operatori ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizz ikkonċernati meta jiġu ppubblikati għall-ewwel darba.
3. Meta jippubblika r-restrizzjonijiet tal-kapaċità skont il-punt (1) għall-ewwel darba, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jniedi konsultazzjoni mal-applikanti u mal-operatori ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizzi kkonċernati dwar ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità. Meta jkun hemm bżonn koordinazzjoni f’konformità mal-punt (4) bejn l-ewwel u t-tieni pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità, l-entitajiet deżinjati f’konformità mal-Artikolu 53(5) għandhom jikkonsultaw mal-applikanti u mal-operatori ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizzi kkonċernati għat-tieni darba bejn it-tnejn ta’ dik il-koordinazzjoni u t-tieni pubblikazzjoni tar-restrizzjoni tal-kapaċità.
4. Qabel ma jippubblikaw ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità f’konformità mal-punt (1), jekk l-impatt tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità ma jkunx limitat għal network wieħed, l-entitajiet deżinjati f’konformità mal-Artikolu 53(5), inkluż il-meniġers tal-infrastruttura li jaf jiġu affettwati bit-tidwir tar-rotot ferrovjarji, għandhom jikkoordinaw bejniethom ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jistgħu jinvolvu kanċellazzjoni, tidwir ta’ rotta ferrovjarja jew sostituzzjoni b’mezzi tat-trasport oħrajn.

Il-koordinazzjoni qabel it-tieni pubblikazzjoni għandha titlesta:

- (a) sa mhux aktar tard minn 18-il xahar qabel il-bidla fl-iskeda operatorja, jekk aktar minn 50% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b’mezzi tat-trasport oħrajn għal iżjed minn 30 jum konsekuttiv.
- (b) sa mhux aktar tard minn 13-il xahar u 15-il jum qabel il-bidla tal-perjodu tal-iskeda operatorja, jekk aktar minn 30% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b’mezzi tat-trasport oħrajn għal iżjed minn 7 ijiem konsekuttivi.
- (c) sa mhux aktar tard minn 13-il xahar u 15-il jum qabel il-bidla tal-perjodu tal-iskeda operatorja, jekk aktar minn 50% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja

ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b'mezzi tat-trasport oħrajn għal 7 ijiem konsekuttivi jew inqas.

L-entitajiet li jagħmlu l-koordinazzjoni bejn il-meniġers tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 53(5) għandhom, jekk meħtieġ, jistiednu lill-applikanti attivi fil-linji kkonċernati u lill-operaturi ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizz ikkonċernati biex jinvolvu ruħhom f'dik il-koordinazzjoni.

5. Rigward ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jgħaddi 7 ijiem konsekuttivi jew inqas, li f'konformità mal-punt (1) ma hemmx bżonn jiġi ppubblikati, u li għalihom aktar minn 10% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja kuljum jiġi kkanċellat, tiddawwarlu r-rotta jew jiġi sostitwit b'mezzi tat-trasport oħrajn, li jseħħu tul il-perjodu suċċessiv tal-iskeda operatorja u li l-meniġer tal-infrastruttura jsir jaf bihom sa mhux aktar tard minn 6 xhur u 15-il jum qabel il-bidla tal-iskeda operatorja, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta mal-applikanti kkonċernati dwar ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità previsti u jikkomunika r-restrizzjonijiet tal-kapaċità aġġornati tal-inqas erba' xhur qabel il-bidla tal-iskeda operatorja. Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jipprovdi dettalji dwar il-mogħdijiet ferrovjarji offruti għall-ferroviji tal-passiġġieri sa mhux aktar tard minn erba' xhur, u għall-ferroviji tal-merkanzija sa mhux aktar tard minn xahar, qabel tibda r-restrizzjoni tal-kapaċità, sakemm il-meniġer tal-infrastruttura u l-applikanti kkonċernati ma jkunux ftiehmu fuq perjodu iqsar.
6. Il-meniġers tal-infrastruttura jistgħu jiddeċiedu li japplikaw limiti aktar stretti għar-restrizzjonijiet tal-kapaċità abbażi ta' persentaġġi aktar baxxi tal-volum tat-traffiku stmat jew perjodi iqsar minn dawk indikati fit-Taqsima 3 ta' dan l-Anness jew li japplikaw kriterji oħra apparti dawk imsemmija f'dan l-Anness, wara konsultazzjoni mal-applikanti u mal-operaturi tal-faċilità. Dawn għandhom jippubblikaw il-limiti u l-kriterji għar-raggruppament tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità fid-dikjarazzjonijiet dwar in-network tagħhom skont il-punt 3 tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/34/UE.
7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 40, il-meniġer tal-infrastruttura jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-perjodi stabbiliti fil-punti (1) sa (5), jekk ir-restrizzjoni tal-kapaċità tkun meħtieġa biex tistabbilixxi mill-ġdid operazzjonijiet ferrovjarji sikuri, il-mument tar-restrizzjonijiet ikun lil hinn mill-kontroll tal-meniġer tal-infrastruttura, l-applikazzjoni ta' dawk il-perjodi ma tkunx kosteffettiva jew tagħmel ħsara bla bżonn fir-rigward tal-kundizzjoni jew tal-ħajja tal-assi, jew jekk l-applikanti kkonċernati kollha jaqblu. F'dawk il-każijiet u fil-każ ta' restrizzjonijiet oħra tal-kapaċità li ma jkunux soġġetti għal konsultazzjoni f'konformità ma' dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Anness, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta minnufih mal-applikanti u mal-operaturi ewlenin tal-faċilitajiet tas-servizz ikkonċernati.
8. L-informazzjoni li jridu jagħti l-meniġer tal-infrastruttura meta jaġixxi f'konformità mal-punti (1), (5) jew (7) għandha tinkludi:
 - (a) il-jum ippjanat;
 - (b) il-ħin tal-ġurnata u, malli tkun tista' tiġi f'fissata, is-sieġha tal-bidu u tat-tmiem tar-restrizzjoni tal-kapaċità;
 - (c) is-sezzjoni fuq il-linja affettwata mir-restrizzjoni;
 - (d) meta applikabbli, il-kapaċità fil-linji devjazzjonarji.

Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jippubblika dik l-informazzjoni, jew link għal fejn tista' tinstab, fid-dikjarazzjoni dwar in-network tiegħu kif imsemmi fil-punt (3)

tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/34/UE. Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jżomm din l-informazzjoni aġġornata. Barra minn hekk, il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jippubblikaw din l-informazzjoni b'format diġitali f'konformità mal-Artikoli 9 u 62.

9. Rigward ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jgħaddu tal-inqas 30 jum konsekuttiv u li jaffettwaw aktar minn 50% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jipprovdi paragun lill-applikanti, meta jitolbuh waqt l-ewwel sessjoni ta' konsultazzjoni, tal-kundizzjonijiet li jiġu ffaċċjati f'tal-inqas żewġ alternattivi tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità. Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jfassal dawk l-alternattivi abbażi tal-kontribut tal-applikanti fil-mument tat-talbiet tagħhom u b'mod konġunt magħhom.

Għal kull alternattiva, il-paragun għandu jinkludi tal-inqas:

- (a) it-tul tar-restrizzjoni tal-kapaċità,
- (b) l-imposti indikattivi dovuti mistennija tal-infrastruttura,
- (c) il-kapaċità disponibbli fil-linji devjazzjonarji,
- (d) ir-rotot alternattivi disponibbli, u
- (e) il-ħinijiet tal-ivvjaġġar indikattivi.

Qabel ma jagħżel bejn l-alternattivi tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonsulta mal-applikanti interessati u jqis l-impatti tal-alternattivi differenti fuq dawk l-applikanti u fuq l-utenti tas-servizzi.

L-analiżi tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità alternattivi għandha tinkludi sitwazzjonijiet li jikkonċernaw aktar minn meniġer tal-infrastruttura wieħed. F'dan il-każ, il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jikkoordinaw l-ippjanar tal-alternattiva għar-restrizzjoni tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 53.

10. Rigward ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jgħaddu aktar minn 30 jum konsekuttiv u li jaffettwaw aktar minn 50% tal-volum tat-traffiku stmat fuq linja ferrovjarja, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jistabbilixxi kriterji li skonthom il-ferroviji ta' kull tip ta' servizz jenħtieġ li tiddawrilhom ir-rota, filwaqt li jikkunsidra r-restrizzjonijiet kummerċjali u operazzjonali tal-applikant, sakemm dawk ir-restrizzjonijiet operazzjonali ma jirriżultawx minn deċizzjonijiet menigerjali jew organizzattivi tal-applikant, u mingħajr preġudizzju għall-għan li jitnaqqsu l-kostijiet tal-meniġer tal-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2012/34/UE. Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jippubblika dawk il-kriterji fid-dikjarazzjoni dwar in-network.
11. L-ENIM għandu jippubblika l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (8) fuq is-sit web tiegħu.
12. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-implimentazzjoni tat-Taqsima 3 ta' dan l-Anness sal-31 ta' Diċembru 2024 u tipproponi proposta leġislattiva jekk tkun meħtieġa.

4. SKEDA GĦALL-ALLOKAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ PERMEZZ TAL-PROĊESS ANNWALI TAL-ALLOKAZZJONI MSEMMI FL-ARTIKOLI 32 U 38

1. Il-meniġer tal-infrastruttura u l-applikanti għandhom ikunu konformi mal-iskeda li ġejja:

Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul⁽¹⁾
Perjodu tal-validità tal-iskeda operatorja (“perjodu tal-iskeda operatorja”)	Sena waħda
Dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja	F’nofsillejl tat-tieni Sibt f’Diċembru
Pubblikazzjoni tal-pjan tal-provvista tal-kapaċità	F’konformità mat-Taqsim 2 ta’ dan l-Anness
Pubblikazzjoni tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità li jinħolqu minħabba xogħlijiet infrastrutturali	F’konformità mat-Taqsimiet 2 u 3 ta’ dan l-Anness
Skadenza għall-applikanti biex jissottomettu talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità	X–8.5
Tħejjija tal-abbozz tal-iskeda operatorja Skadenza għall-meniġers tal-infrastruttura biex jissottomettu abbozz tal-offerta tal-kapaċità lill-applikanti	X–6.5
Finalizzazzjoni tal-koordinazzjoni mal-applikanti	X–6
Skadenza għall-meniġers tal-infrastruttura biex jissottomettu offerta finali tal-kapaċità lill-applikanti	X–5.5
Pubblikazzjoni tal-iskeda operatorja finali Skadenza għall-meniġer tal-infrastruttura biex jalloka drittijiet tal-kapaċità lill-applikanti	X–5.25
Konverżjoni ta’ speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f’mogħdijiet ferrovjarji	Trid tiġi speċifikata fil-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6
Nota: (1) “X–m” tfisser “m” xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja (“X”)	

- Il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jallokaw it-talbiet għall-kapaċità riċevuti f’konformità mal-Artikolu 32(8) abbażi tal-prinċipju ta’ min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.
- L-iskadenza biex l-applikanti jissottomettu talbiet għad-drittijiet tal-kapaċità stabbiliti fit-tabella tal-punt 1 għandha tkun l-iskadenza għat-talbiet għall-kapaċità infrastrutturali msemmi fl-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2012/34/UE.

5. SKEDA GĦAL ALLOKAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ PERMEZZ TA' FTEHIMIET QAFAS IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 31 U 38

1. Il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonforma mal-iskeda li ġejja:

Perjodu taż-żmien	Tul⁽¹⁾
Perjodu standard tal-validità tal-ftehimiet qafas	5 snin
Konverżjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f'mogħdijiet ferrovjarji	Bejn X–8.5 u X–6.5 (b'mod konġunt mal-koordinazzjoni skont il-proċess annwali tal-allokazzjoni msemmi fit-Taqsima 4)
Nota: (1) “X–m” tfisser “m” xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja (“X”) f'konformità mat-Taqsima 4	

6. SKEDA GĦALL-PROĊESS TAL-ALLOKAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ TAL-IPPJANAR KONTINWU MSEMMI FL-ARTIKOLI 33 U 38

1. Il-meniġer tal-infrastruttura u l-applikanti għandhom jikkonformaw mal-iskeda li ġejja tul il-proċess tal-ippjanar kontinwu:

Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul⁽¹⁾
L-aktar mument kmieni għall-applikanti biex jissottomettu talbiet għall-kapaċità tul il-proċess tal-allokazzjoni tal-ippjanar kontinwu	4 xhur qabel l-ewwel vjaġġ ferrovjarju
L-aħħar mument għall-applikanti biex jissottomettu talbiet għall-kapaċità tul il-proċess tal-allokazzjoni tal-ippjanar kontinwu	xahar qabel l-ewwel vjaġġ ferrovjarju
Tul massimu tad-drittijiet tal-kapaċità mogħtija tul il-proċess tal-allokazzjoni tal-ippjanar kontinwu	36 xahar li jibdwu mill-ewwel vjaġġ ferrovjarju
Konverżjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f'mogħdijiet ferrovjarji għal drittijiet tal-kapaċità mogħtija f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a) tal-Artikolu 33	bejn X–8.5 u X–6.5 (b'mod konġunt mal-koordinazzjoni skont il-proċess annwali tal-allokazzjoni msemmi fit-Taqsima 4)
Konverżjoni ta' speċifikazzjonijiet tal-kapaċità f'mogħdijiet ferrovjarji għal drittijiet tal-kapaċità mogħtija f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b) tal-Artikolu 33	trid tiġi speċifikata mill-meniġers tal-infrastruttura filwaqt li jqisu l-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6

Nota:

(1) “X-m” tfisser “m” xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-iskeda operatorja (“X”) f’konformità mat-Taqsima 4

2. Il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jallokaw il-kapaċità bil-proċess tal-ippjanar kontinwu abbażi tal-prinċipju ta’ min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

7. SKEDA GĦALL-ALLOKAZZJONI TAL-KAPAĊITÀ PERMEZZ TAL-PROĊESS *AD HOC* IMSEMMI FL-ARTIKOLI 34 U 38

Meta jalloka l-kapaċità infrastrutturali permezz tal-proċess *ad hoc*, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonforma mal-iskeda li ġejja:

Perjodu taż-żmien	Tul
Perjodu massimu biex il-meniġers tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f’network wieħed	jum wieħed
Perjodu massimu biex il-meniġers tal-infrastruttura jħejju offerta tad-drittijiet tal-kapaċità f’diversi networks	5 ijiem

8. SKEDA GĦAL BIDLIET FIL-KAPAĊITÀ ALLOKATA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 39

Meta jibdel id-drittijiet tal-kapaċità infrastrutturali, il-meniġer tal-infrastruttura għandu jikkonforma mal-iskeda li ġejja:

Tappa jew perjodu taż-żmien	Skadenza jew tul
Żmien massimu biex il-meniġer tal-infrastruttura joffri dritt ta’ kapaċità alternattiva li jinvolvi network wieħed	24 siegħa
Żmien massimu biex il-meniġers tal-infrastruttura kkonċernati joffru dritt ta’ kapaċità alternattiva f’diversi networks	5 ijiem

ANNEX II

Infrastruttura użata ħafna u konġestjonata imsemmija fil-Artikolu 20

1. LIMITI GĦAD-DIKJARAZZJONI TA' INFRASTRUTTURA UŻATA ĦAFNA U KONĠESTJONATA

Użu	Klassifikazzjoni	Użu tal-kapaċità	Perjodu ta' referenza
Traffiku eteroġenju	Użata ħafna	>65% tal-kapaċità teoretika	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku eteroġenju	Konġestjonata	>95% tal-kapaċità teoretika	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena
Traffiku omoġenu	Użata ħafna	>80% tal-kapaċità teoretika	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 200 jum fis-sena
Traffiku omoġenju	Konġestjonata	>95% tal-kapaċità teoretika	Aktar minn 4 sigħat għal aktar minn 250 jum fis-sena

L-użu tal-kapaċità tfisser il-proporzjon bejn il-kapaċità allokata, jew għall-perjodi preċedenti tal-iskeda operatorja, in-numru effettiv ta' ferroviji li qed jaħdmu u l-kapaċità teoretika disponibbli fuq element ta' infrastruttura abbażi tal-metodoloġija msemmija fit-Taqsima 2.

“Traffiku omoġenju” tfisser li l-ferroviji fis-sezzjoni kkonċernata ġeneralment ikollhom karatteristiċi simili rilevanti għall-użu tal-kapaċità, b'mod partikolari l-veloċità, ix-xeħta tal-waqfien u l-aċċellerazzjoni.

“Traffiku eteroġenju” tfisser li l-ferroviji fis-sezzjoni kkonċernata jvarjaw fil-karatteristiċi rilevanti għall-użu tal-kapaċità, b'mod partikolari l-veloċità, ix-xeħta tal-waqfien u l-aċċellerazzjoni.

2. PROĊEDURI U METODI GĦALL-KALKOLU TAL-GRAD TAL-UŻU TAL-KAPAĊITÀ

Il-meniġers tal-infrastruttura għandhom jivvalutaw il-grad tal-użu tal-kapaċità skont proċeduri u metodi oġġettivi, trasparenti u xierqa.

Il-meniġers tal-infrastruttura jistgħu jkomplu jużaw il-proċedura u l-metodi eżistenti li jissodisfaw dawn il-kriterji. Sa mhux aktar tard minn 3 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-ENIM għandu jħejji rakkomandazzjoni dwar l-użu ta' proċedura u metodu armonizzati tal-UE biex jiġi vvalutat l-użu tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja.

Inkella, l-użu tal-kapaċità jista' jiġi vvalutat bħala l-proporzjon bejn id-domanda għall-kapaċità (osservata / fil-passat jew stima tad-domanda futura) u l-kapaċità disponibbli fil-pjan tal-użu tal-kapaċità f'konformità mal-Artikolu 18.

ANNEX III

Kontenut tal-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità imsemmi fl-Artikolu 6

Il-qafas Ewropew għall-ġestjoni tal-kapaċità msemmi fl-Artikolu 6 għandu jkun fih tal-inqas l-elementi li ġejjin:

Element	Referenza/i
Proċeduri u metodoloġiji għal ġestjoni u allokazzzjoni tal-kapaċità infrastrutturali skarsa skont kriterji soċjoekonomiċi u ambjentali.	Artikolu 8(5), Artikolu 8(6)
Tipi u deskrizzjoni tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju li jridu jintużaw għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità infrastrutturali ferrovjarja.	Artikolu 12(2)
Prinċipji, proċeduri u metodoloġiji komuni għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità, inkluż għall-koordinazzjoni bejn il-meniġers tal-infrastruttura u l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.	Artikolu 12(9), Artikolu 13, Artikolu 14
Mezzi għall-pubblikazzjoni tal-pjan u l-proċess tal-provvista tal-kapaċità għall-konsultazzjoni mal-applikanti	Artikolu 18(10)
Regoli u proċeduri għall-allokazzzjoni tal-kapaċità ppjanata minn qabel inkluża fil-pjan tal-provvista tal-kapaċità.	Artikolu 20(3)
Karatteristiċi tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kapaċità	Artikolu 26(1)
Firxiet għall-kwoti ta' limitu applikabbli għall-kanċellazzjoni tad-drittijiet tal-kapaċità mhux użata	Artikolu 27(6)
Proċeduri u metodi għall-koordinazzjoni tal-allokazzzjoni tad-drittijiet tal-kapaċità f'diversi networks, inkluż rekwiżiti minimi tal-kwalità.	Artikolu 28(5)
Linji gwida dwar il-limiti rigward id-differenzi bejn it-talbiet għall-kapaċità mill-applikanti u l-kapaċità infrastrutturali proposta mill-meniġers tal-infrastruttura fil-proċess tar-risoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti.	Artikolu 36(2)
Proċeduri għall-ġestjoni tal-bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità wara l-allokazzzjoni.	Artikolu 39(8)
Kundizzjonijiet li jwasslu għal kumpens minħabba bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità.	Artikolu 40(3)
Prinċipji, regoli u proċeduri għall-ġestjoni u l-allokazzzjoni tal-kapaċità infrastrutturali fil-każ ta' tfixkil fin-network.	Artikolu 41(2)

ANNEX IV

Kontenut tad-Dikjarazzjoni tan-Netwerk imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE – it-Taqsima dwar il-ġestjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tat-traffiku

Id-dikjarazzjoni dwar in-network imsemmija fl-Artikolu 27 tad-Direttiva 2012/34/UE għandu jkun fiha:

- (1) Taqsima li tistabbilixxi n-natura tal-infrastruttura li tkun disponibbli għall-impriżi ferrovjarji u l-kundizzjonijiet tal-aċċess għaliha. Din għandha tirreferi għall-informazzjoni disponibbli fir-reġistru tal-infrastruttura msemmi fl-Artikolu 49 tad-Direttiva (UE) 2016/797.
- (2) Taqsima dwar il-prinċipji u l-kriterji għall-ġestjoni tal-kapaċità. Din għandha tistabbilixxi l-karatteristiċi ġenerali tal-kapaċità infrastrutturali li tkun disponibbli għall-impriżi ferrovjarji u kull restrizzjoni relatata mal-użu tagħha, inkluż il-ħtiġijiet tal-kapaċità aktarx meħtieġa għall-manutenzjoni. Għandha tispeċifika wkoll il-proċeduri u l-iskadenzi relatati mal-proċess tal-ġestjoni tal-kapaċità. Għandha tinkludi kriterji speċifiċi li jintużaw waqt dak il-proċess, b'mod partikolari:
 - (a) il-proċeduri li bihom l-applikanti jiġu kkonsultati dwar l-ippjanar strateġiku tal-kapaċità;
 - (b) il-proċeduri li bihom l-applikanti jistgħu jitolbu kapaċità mingħand il-meniġer tal-infrastruttura;
 - (c) ir-rekwiżiti li jirregolaw l-applikanti;
 - (d) l-iskeda għall-ippjanar strateġiku tal-kapaċità, għall-applikazzjoni, l-allokazzjoni, l-adattament u l-proċessi tal-iskedar mill-ġdid, u l-proċeduri li jridu jintużaw biex tintalab informazzjoni dwar l-iskedar u l-proċeduri għall-iskedar tax-xogħol tal-manutenzjoni ppjanat u mhux previst;
 - (e) il-prinċipji li jirregolaw il-mekkaniżmu tar-riżoluzzjoni kunsenswali tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 36, inkluż is-sistema tar-riżoluzzjoni tat-tilwim magħmula disponibbli bħala parti minn dan il-proċess, u l-mekkaniżmu formali għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti msemmi fl-Artikolu 37;
 - (f) l-istruttura u l-livell ta' kumpensi minħabba bidliet fid-drittijiet tal-kapaċità;
 - (g) il-proċeduri li għandhom jintużaw u l-kriterji użati meta l-infrastruttura tkun użata ħafna jew konġestjonata;
 - (h) dettalji dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' infrastruttura;
 - (i) spjegazzjoni ta' kull devjazzjoni mill-qafas Ewropew imsemmija fl-Artikolu 6.
- (3) Taqsima dwar l-operazzjonijiet, inkluż dwar il-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet. Din għandha tistabbilixxi l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva (UE) 2016/797, fid-Direttiva (UE) 2016/798 u fid-Direttiva 2007/59/KE, inkluż:
 - (a) ir-regoli operazzjonali, inkluż ir-regoli ta' prijorità jew il-prinċipji ta' prijorità għall-ġestjoni tat-traffiku, lista tar-regoli tekniċi, operazzjonali u tas-sikurezza u tar-regoli relatati mal-persunal operazzjonali, jew referenzi għalihom;

- (b) il-miżuri operazzjonali, inkluż ir-regoli u l-proċeduri għall-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet, il-komunikazzjoni operazzjonali u l-iskambju tad-*data* mal-impriżi ferrovjarji u ma' partijiet ikkonċernati operazzjonali oħra;
 - (c) lista tas-sistemi tal-informazzjoni użati fl-operazzjonijiet, u referenzi għalihom;
 - (d) spjegazzjoni ta' kull devjazzjoni mill-qafas Ewropew imsemmija fl-Artikolu 44.
- (4) Taqsima dwar l-elementi ewlenin tal-ġestjoni tal-prestazzjoni, inkluż b'mod partikolari:
- (a) referenzi għall-oġettivi tal-prestazzjoni stabbiliti fil-pjan kummerċjali msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2012/34/UE u fil-ftehim kuntrattwali msemmi fl-Artikolu 30 ta' dik id-Direttiva;
 - (b) proċeduri għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-progress fl-ilħuq tal-miri, biex jingħarfu l-kawżi tan-nuqqasijiet fil-prestazzjoni mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali u biex jitfasslu u jitwettqu miżuri ta' rimedju li jtejbu l-prestazzjoni;
 - (c) spjegazzjoni ta' kull devjazzjoni mill-qafas Ewropew imsemmija fl-Artikolu 50.

ANNES V

Kontenut tal-Qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet imsemmi fl-Artikolu 44

Il-qafas Ewropew għall-koordinazzjoni transfruntiera tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet għandu jkun fih tal-inqas l-elementi li ġejjin:

Element	Referenza/i
Prinċipji komuni għall-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet li jridu jqisu l-meniġers tal-infrastruttura meta jstabbilixxu regoli u proċeduri għall-ġestjoni tat-traffiku.	Artikolu 43
Regoli u proċeduri komuni għall-koordinazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet bejn il-meniġers tal-infrastruttura u mal-partijiet ikkonċernati operazzjonali.	Artikolu 42, Artikolu 43, Artikolu 45, Artikolu 46, Artikolu 47, Artikolu 48
Regoli u proċeduri komuni għall-ġestjoni u l-allokkazzjoni tal-kapaċità f'każ ta' interruzzjonijiet fin-network u sitwazzjonijiet ta' kriżi.	Artikolu 41(1)
Definizzjoni tar-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati operazzjonali involuti fil-ġestjoni tat-traffiku transfruntier, skont sett ta' proċeduri operazzjonali, tappi u interfaċċi miftiehma.	Artikolu 45
Proċeduri, regoli, għodod u interfaċċi għall-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż għodod u interfaċċi diġitali armonizzati, bejn il-meniġers tal-infrastruttura, il-partijiet ikkonċernati operazzjonali u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi.	Artikolu 45, Artikolu 48, Artikolu 62
Prinċipji biex jiġu stabbiliti gruppi tal-koordinazzjoni dedikati b'rabta mal-ġestjoni tat-traffiku, il-ġestjoni tat-tfixkil u l-ġestjoni tal-kriżijiet.	Artikolu 53(2)
Arranġamenti għal simulazzjoni u taħriġ, b'mod partikolari b'rabta ma' tfixkil fin-network u sitwazzjonijiet ta' kriżi.	Artikolu 42, Artikolu 46, Artikolu 47
Arranġamenti għal rieżami tal-prestazzjoni tal-ġestjoni tat-traffiku, tal-ġestjoni tat-tfixkil u tal-ġestjoni tal-kriżijiet, inkluż il-koordinazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati operazzjonali.	Artikolu 50, Artikolu 51

ANNEX VI

Tfixkil fin-networks imsemmi fl-Artikolu 46

Tip ta' inċident	Tul probabbli stmat	Impatt probabbli stmat
Tfixkil fin-network	Ir-ritorn għal-livelli ta' qabel l-inċident tal-kapaċità disponibbli għal użu ferrovjarju jeħtieġ 3 ijiem jew aktar	– 50% jew aktar tal-ferroviji fis-sezzjoni affettwata li joperaw f'network wieħed jeħtieġu trattament operazzjonali – Inqas minn 50% tal-ferroviji fis-sezzjoni affettwata li joperaw f'aktar minn network wieħed jeħtieġu jew mistennija jkunu jeħtieġu trattament operazzjonali
Tfixkil f'diversi networks	Ir-ritorn għal-livelli ta' qabel l-inċident tal-kapaċità disponibbli għal użu ferrovjarju jeħtieġ 3 ijiem jew aktar	– 50% jew aktar tal-ferroviji fis-sezzjoni affettwata li joperaw f'aktar minn network wieħed jeħtieġu jew mistennija jkunu jeħtieġu trattament operazzjonali

Il-kundizzjonijiet dwar it-tul u l-impatt probabbli fuq it-traffiku huma kumulattivi.

ANNEX VII

Oqsma ta' prestazzjoni soġġetti għal rieżami tal-prestazzjoni imsemmija fl-Artikolu 50

Qasam ta' prestazzjoni	Kwistjonijiet rilevanti (indikattivi)
Infrastruttura u tagħmir	– Kapaċità u kapaċitajiet tal-infrastruttura fiżika u tat-tagħmir tagħha, inkluż l-użu tal-istandards TEN-T – Tnaqqis fil-kapaċità infrastrutturali minħabba tiġdid, manutenzjoni jew tiswija tal-infrastruttura differiti
Kapaċità infrastrutturali	– Offerta tal-kapaċità mil-lat ta' kwantità u kwalità – Użu tal-kapaċità, kapaċità riżervata biex takkomoda t-tkabbir tat-traffiku – Konsistenza bejn il-kapaċità disponibbli (ippjanata jew mhux ippjanata) u l-ħtiġijiet tas-suq – Stabbiltà tal-offerta tal-kapaċità, b'mod partikolari b'rabta max-xogħlijiet infrastrutturali – Infrastruttura konġestjonata – Ħinijiet tal-waqfien ippjanati tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera
Ġestjoni tat-traffiku	– Puntwalità / dewmien ta' tipi differenti ta' servizzi ferrovjarji, fl-oriġini, fil-waqfiet intermedji u fid-destinazzjoni u f'postijiet operazzjonalment importanti – Kanċellazzjonijiet ferrovjarji – Ħinijiet tal-waqfien effettivi tal-ferroviji fl-istazzjonijiet tal-fruntiera
Ġestjoni tat-tfixkil u ġestjoni tal-kriżijiet	– Sehem tat-traffiku li tista' tiddawwarlu r-rotta jew jiġi skedat mill-ġdid waqt it-tfixkil jew kriżi – Impatt tat-tfixkil fuq it-traffiku ferrovjarju mil-lat ta' dewmien u kanċellazzjonijiet – Impatt tat-tfixkil fuq l-operaturi tas-servizzi ferrovjarji u l-klijenti tagħhom – Kwistjonijiet speċifiċi li ltaqgħu magħhom (kwalitattivi)
Adozzjoni u prestazzjoni tas-servizzi, l-għodod u l-interfaċċi diġitali	– Appoġġ tal-proċessi relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u l-ġestjoni tat-tfixkil – Kompletezza u kwalità tal-informazzjoni u tad-data pprovduti – Allinjament mal-arkitettura Ewropea żviluppata fl-ERJU u mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti

	f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797
Konformità mar-regolamentazzjoni; sorveljanza regolatorja	– Indikaturi tal-proċess li jimmonitorjaw il-konformità mar-regoli u l-proċeduri – Ilmenti ppreżentati lill-korpi regolatorji u lill-ENRRB

ANNESS VIII

Informazzjoni li trid tingħata lill-partijiet ikkonċernati operazzjonali imsemmija fl-Artikolu 48

L-informazzjoni li ġejja mogħtija f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 u l-atti ta' implimentazzjoni rilevanti skont dak ir-Regolament għandha tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 48:

- Numru tal-ferrovija li qed taħdem
- Rappurtar dwar il-ferrovija
- *Data* tan-Nota ta' Konsenja
- Talba għal Mogħdija u allokazzjoni tal-mogħdija
- Preparazzjoni tal-Ferrovija
- Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija
- Informazzjoni dwar Interruzzjoni tas-Servizz
- Ħin Stmat tat-Tluq (ETD) tal-Vjeġġ, Ħin Stmat tal-Interkambju (ETI), Ħin Stmat tal-Wasla (ETA)
- Moviment tal-Vaguni
- Skambju tad-*Data* għal Titjib tal-Kwalità

ANNEX IX

Lista ta' kwistjonijiet għall-koordinazzjoni bejn il-meniġers tal-infrastruttura imsemmija fl-Artikolu 53

Kwistjonijiet għall-koordinazzjoni	Dispożizzjonijiet li jridu jiġu koperti mill-koordinazzjoni
Ippjanar strateġiku tal-kapaċità	Taqsim 1 tal-Kapitolu II, b'mod partikolari: – Artikolu 10 Taqsim 2 tal-Kapitolu II, b'mod partikolari: – Artikolu 11 – Artikolu 13 – Artikolu 14 – Artikolu 15 – Artikolu 16 – Artikolu 17 – Artikolu 18 – Artikolu 19 – Artikolu 21 – Artikolu 22 – Artikolu 25
Skedar, allokazżjoni tal-kapaċità u skedar mill-ġdid	Taqsim 3 tal-Kapitolu II, b'mod partikolari: – Artikolu 27 – Artikolu 28 – Artikolu 31 – Artikolu 32 – Artikolu 33 – Artikolu 34 – Artikolu 35 – Artikolu 36 – Artikolu 37 Taqsim 4 tal-Kapitolu II – Artikolu 39 – Artikolu 40 – Artikolu 41

Ġestjoni tat-traffiku, ġestjoni tat-tfixkil u ġestjoni tal-kriżijiet	Kapitolu III, b'mod partikolari: – Artikolu 45 – Artikolu 46 – Artikolu 47
Rieżami tal-prestazzjoni	Kapitolu IV, b'mod partikolari: – Artikolu 51
Adozzjoni ta' servizzi, ġhodod u interfaċċi diġitali; kontribut għall-iżvilupp tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi	– Artikolu 9(2) – Artikolu 20(4) – Artikolu 27(4) – Artikolu 29(5), Artikolu 29(6) – Artikolu 42(3), il-punt (c) – Artikolu 45, il-punt (c) – Artikolu 48(2), Artikolu 48(3) – Artikolu 62

ANNEX X

Tabelli ta' Korrelazzjoni

1. TABELLA TA' KORRELAZZJONI GĦAD-DISPOŻIZZJONIJIET IMĦASSRA FID-DIRETTIVA 2012/34/UE

Id-Direttiva 2012/34/UE	Dan ir-Regolament
Artikolu 2(6)	Artikolu 36(2)
Artikolu 3, il-punt 20	Artikolu 21
Artikolu 3, il-punt 22	Artikolu 36
Artikolu 3, il-punt 23	Artikolu 31
Artikolu 3, il-punt 27	Artikolu 4, il-punt 8
Artikolu 3, il-punt 28	Artikolu 4, il-punt 13
Artikolu 7b(1)	Artikolu 3(1)
Artikolu 7b(2)	Artikolu 3(2)
Artikolu 7b(3)	Artikolu 3(3) u Artikolu 2(3), il-punt b
Artikolu 36	Artikolu 40
Artikolu 38(1)	Artikolu 26(1), it-tieni subparagrafu u Artikolu 26(6)
Artikolu 38(2)	Artikolu 26(3)
Artikolu 38(3)	Artikolu 26(4)
Artikolu 38(4)	Artikolu 26(5)
Artikolu 39(1)	Artikolu 11(3)
Artikolu 39(2)	Artikolu 27(3)
Artikolu 40(1)	Artikolu 14(2), (3) u Artikolu 28
Artikolu 40(2)	Artikolu 55(7), Artikolu 57(2), Artikolu 63(1), (4), Artikolu 64(1) u (7)
Artikolu 40(3)	Artikolu 55(2), (5) u (7)
Artikolu 40(4)	Artikolu 57(1)
Artikolu 40(5)	

Artikolu 41(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 41(2)	Artikolu 7(2)
Artikolu 41(3)	Artikolu 7(3)
Artikolu 42(1)	Artikolu 31(1)
Artikolu 42(2)	Artikolu 31(4)
Artikolu 42(3)	Artikolu 31(5)
Artikolu 42(4)	Artikolu 31(5) u (6)
Artikolu 42(5)	Artikolu 31(7) u Anness I, it-Taqsima 5
Artikolu 42(6)	Artikolu 31(8)
Artikolu 42(7)	Artikolu 31(10)
Artikolu 42(8)	Artikolu 31(11)
Artikolu 43(1)	Artikolu 38(1), Artikolu 32(6), (7), (8) u Artikolu 33(1) u (2)
Artikolu 43(2)	Artikolu 10(8), Artikolu 11(2), Artikolu 21(9), Artikolu 38(3), u Artikolu 39(9)
Artikolu 43(3)	mhux applikabbli
Artikolu 44(1)	Artikolu 26(1)
Artikolu 44(2)	Artikolu 32(7) u 32(8)
Artikolu 44(3)	Artikolu 31(2)
Artikolu 44(4)	Artikolu 28
Artikolu 45(1)	Artikolu 32(2)
Artikolu 45(2)	Artikolu 32(4)
Artikolu 45(3)	Artikolu 32(10)
Artikolu 45(4)	Artikolu 32(11)
Artikolu 46(1)	Artikolu 8(3) Artikolu 20(3) Artikolu 32(3)
Artikolu 46(2)	Artikolu 36(2)

Artikolu 46(3)	Artikolu 36(3)
Artikolu 46(4)	Artikolu 36(4)
Artikolu 46(5)	Artikolu 36(5)
Artikolu 46(6)	Artikolu 36(6)
Artikolu 47(1)	Artikolu 21(1)
Artikolu 47(2)	Artikolu 21(4)
Artikolu 47(3)	Artikolu 21(5), Artikolu 25(1)
Artikolu 47(4)	Artikolu 8(1), (2), (4) u Artikolu 11(3)
Artikolu 47(5)	Artikolu 8(1) u (4)
Artikolu 47(6)	Artikolu 21(6)
Artikolu 48(1)	Artikolu 34(1)
Artikolu 48(2)	Artikolu 18(4)
Artikolu 49(1)	Artikolu 24(1)
Artikolu 49(2)	Artikolu 24(2)
Artikolu 49(3)	Artikolu 24(3)
Artikolu 50(1)	Artikolu 22(1)
Artikolu 50(2)	Artikolu 22(2)
Artikolu 50(3)	Artikolu 22(1)
Artikolu 51(1)	Artikolu 23(1)
Artikolu 51(2)	Artikolu 23(1) u (2)
Artikolu 51(3)	Artikolu 23(4)
Artikolu 51(4)	Artikolu 23(5)
Artikolu 52(1)	Artikolu 12(8)
Artikolu 52(2)	Artikolu 27(6)
Artikolu 53(1)	Artikolu 35(1)
Artikolu 53(2)	Artikolu 10(2), (4) u Artikolu 35(4)

Artikolu 53(3)	Artikolu 9(1)
Artikolu 54(1)	Artikolu 43(3)
Artikolu 54(2)	Artikolu 43(5)
Artikolu 54(3)	Artikolu 43(6)

2. TABELLA TA' KORRELAZZJONI GĦAR-REGOLAMENT (UE) NRU 913/2010

Ir-Regolament (UE) Nru 913/2010	Dan ir-Regolament
Artikoli 1 sa 7	
Artikolu 8	Artikoli 55(1) sa (4), (6), (7) u (8) u Artikolu 56(1)(a) sa (c), (f) u (2)
Artikolu 9(1)	Artikolu 14(1), Artikolu 22(3) u (4), Artikolu 23(3) u Artikolu 57
Artikolu 9(1)(a), (c), (d), (e), (2), (3), (4) u (5)	
Artikolu 9(1)(b)	Artikolu 15 u Artikolu 22(3) u (4)
Artikolu 10	
Artikolu 11	Artikolu 55(1) sa (4), (6), (7) u (8)
Artikoli 12 sa 18	
Artikolu 19	Artikolu 49 u Artikolu 52
Artikoli 20 sa 25	